**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 180/2019 fl-atti tal-kawża Rikors numru: 53/2003/1 fl-ismijiet:**

**Emanuel Delicata**

**vs**

**Eugenio Micallef**

**Deciza fl-10 ta' Mejju 2004**

**Illum, 04 ta' Frar, 2020**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> "Billi l-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija ilha deċiża aktar minn ħmistax-il (15) sena, u billi l-intimat kellu xahar żmien sabiex joħroġ mill-fond Logga, 13, Flat 6, Sqaq Sampusa, B'Kara spejjeż a karigu tiegħu iżda sal-lum għadu ma ħariġx mill-istess

> fond, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawża fuq imsemmija.”

Ra illi l-intimat debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra s-sentenza tar-rikors numru 53/2003/1.

Sema’ x-xhieda tar-rikorrent f’liema xhieda r-rikorrent Anton Delicata ikkonferma bil-gurament ir-rikors tieghu.

Ikkunsidra:

Illi dan huwa rikors sabiex dan il-Bord jordna l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fil-kawza Rikors Nru: 53/2003/1 fl-ismijiet Emanuel Delicata vs Eugenio Micallef deciza fl-10 ta' Mejju, 2004, li taqra hekk:

“*Il-Bord,*

*Ra r-rikors ta’ Emanuel Delicata fejn jesponi bir-rispett:*

*Illi r-rikorrenti jikri lill-intimat il-fond Logga 13, Flat 6, Sqaq Sampusa, B’Kara versu l-kera ta’ tletin Lira Maltin (Lm30) fis-sena li tithallas fis-sitta (6) t’Ottubru ta’ kull sena bilquddiem, l-ewwel skadenza dovuta fis-sitta (6) t’Ottubru 2003.*

*Illi l-intimat ilu snin twal ma jhallas il-kera u dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet.*

*Illi fil-fatt l-intimat baqa` inadempjenti fil-hlas ghall-aktar minn zewg skadenzi kif jirrizulta mill-annessi ittri ufficjali mmarkati Dok. 'ED1', Dok. 'ED2', u Dok. 'ED3' debitament notifikati lill-intimat.*

*Illi a tenur ta' l-Artikolu 9 (a) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ghandu d-dritt jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni. Ghaldaqstant, l-esponenti, umilment jitlob lil dan il-Bord jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri u kwindi jordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond de quo fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa dan il-Bord.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2003 deher ghall-intimat Dottor Chris Cardona li intrabat li fi zmien hmistax-il jum jipprezenta risposta.*

*Ra li r-risposta ma gietx prezentata.*

*Ra n-nota tal-fuq imsemmi avukat tat-28 ta' Jannar 2004 li biha irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-intimat.*

*Ra li l-intimat qatt ma deher.*

*Sema' x-xhieda bil-gurament.*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha.*

*Ikkonsidra:*

*1. Mix-xhieda ta' Anton Delicata jirrizulta li l-intimat ilu snin ma jhallas il-kera, saritlu kawza ghal hlas, intbaghtulu diversi ittri u sal-lum ghadu inadempjenti.*

*2. Mid-dokumenti esibiti jirrizulta li l-intimat gie interpellat u notifikat b'ittri ufficjali tat-2 ta' Mejju 2002 u tad-29 ta' Ottubru 2002 ghal hames snin kera li jithallsu kull 6 ta' Ottubru bil-quddiem (1997, 1998, 1999, 2000, 2001). Billi l-ittri ufficjali jirreferu ghall-istess skadenza ghadhom jinghaddu bhala interpellanza wahda ghall-ghan tal-ligi specjali.*

*3. Saret ittra ufficjali fid-29 ta' Ottubru 2002 ghall-iskadenza tas-6 ta' Ottubru 2002 li giet ukoll notifikata lill-intimat.*

*4. Jirrizulta li saru diversi interpellanzi u l-intimat qatt ma hallas.*

*Billi l-intimat ma kienx puntwali fil-hlas tal-kera il-Bord jilqa` t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga' jiehu f'idejh il-fond Logga 13, Flat 6, Sqaq Sampusa, B'Kara. Ghall-ghan ta' tkeccija jaghti xahar (1) zmien m'illum, l-ispejjez jithallsu mill-intimat."*.[1]

Illi l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk dwar l-esekuzzjoni ta' sentenzi:

"*Wara:*

*(a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) , (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew*

[1] Il-Bord huwa tal-fehma li s-sentenza ghandha tigi kwotata in toto stante li ma gietx esebita in atti mar-rikors promotur.

*(b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ)u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew*

*(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti.*

*Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.".*

Illi, ghaldaqstant jirrizulta li r-rikorrenti ottemporaw ruhhom mar-rekwiziti tal-ligi u konsegwentament it-talba taghhom timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' dan il-Bord kif diversament presedut fl-atti tar-rikors numru 53/2003/1 fl-ismijiet Emanuel Delicata vs Eugenio Micallef deciza fl-10 ta' Mejju 2004.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur